**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 9/14 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' Ottubru, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi z-zwieg tal-partijiet hu regolat bir-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti.
2. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* bosta snin, fil-fatt hi kienet intavolat il-proceduri ta' medjazzjoni fid-9 ta' Marzu, 2012 u telqet mill-post fil-15 ta' Awissu, 2013.
3. Illi fil-kommunjoni hemm il-post matrimonjali li baqa' jghix fih l-intimat.
4. Illi l-partijiet ghandhom il-hajja separata taghhom u fil-fatt ir-rikorrenti ghandha partner u mir-relazzjoni taghhom ghandhom tifla C li twieldet fit-13 ta' Marzu, 2018.

5. Illi r-rikorrenti ssostni illi wara dawn is-snin kollha l-iskop tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet spicca u ghalhekk l-istat ta' fatt ghandu jigi sancit legalment.
6. Illi ghalhekk f'dan l-istadju r-rikorrenti tixtieq titlob lil Onorabbli Qorti sabiex il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi tterminata ghax m'hemmx raguni ghalfejn din ghandha tibqa' ghaddejja.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

1.Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi A u B.
2. Tordna li l-beni formanti l-komunjoni jinqasmu mas-sentenza finali in rispetto tal-kawza u cioe' Rik.Gur. 9/14.
3. Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ra li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2018, l-intimat m'opponix ghal talbiet tar-rikorrenti.

**Il-Fatti**

1.Il-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal bosta snin u r-rikorrenti kienet bdiet il-proceduri ta' medjazzjoni fid-9 ta' Marzu, 2012.

2. L-intimat baqa' jghix fid-dar matrimonjali u l-istess rikorrenti kienet telqet fil-15 ta' Awissu, 2013.

3. Peress li llum il-partijiet ilhom ighixu hajja indipendenti minn xulxin u sahansitra r-rikorrenti presentement qiedgha f'relazzjoni u kellha tarbija C li twieldet fit-13 ta' Marzu, 2018.

4. Illi r-rikorrenti thoss li l-ezistenza tal-komunjoni bejniethom llum hija bla raguni u ghalhekk qed titlob il-waqfien taghha.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "

"***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq

min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat*. Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

Gialadarba l-intimata mhux qed topponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ifisser li hi tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalha ebda *pregudizzju spropozjonat.*

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimata, fil-kawza ta' separazzjoni qablet li ghandha tigi x-xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
1. Tilqa' t-tieni talba.
2. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet f'partijiet indaqs.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**